MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 244/1996/1

Josephine xebba Cassar.

vs

Peter Paul Portelli,
Rita mart Carmelo Portelli,
Carmen mart Valent Vella,
Paul Portelli,
Joseph Portelli, u
Peter Paul Buttigieg nominat Kuratur
deputat fl-10 ta' Diċembru 1996,
sabiex jirrappreżenta lill-Kathleen Portelli,
Joseph Portelli ġie nominat kuratur deputat
Sabiex jirrappreżenta lill-Bernarda Logan
B'degriet tal-20 ta' Diċembru 1996, u
Dr. Michael Grech ġie nominat kuratur
Deputat sabiex jirrappreżenta lil William Portelli
b'degriet tal-20 ta' Diċembru, 1996, u
b'nota tat-28 ta' Jannar 1999, l-avukat Dr.
Alfred Grech assuma l-atti tal-kawża

Għan-nom tal-imsiefer William Portelli,
Minflok l-avukat Dottor Michael Grech.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet:
Illi hija, l-attriċi Josephine Cassar hija proprjetarja ta' porzjon art imsejħa !"Tat-Tamborlin!", fi Triq Piju Cellini, limiti Nadur, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mitejn u ħamsa u tmenin metri kwadri (285 m.k.), konfinanti nofsinhar mat-triq, punent ma' beni tal-eredi ta' Salvu Portelli u ċioe' l-konvenuti, u lvant ma' beni ta' Michael magħruf bħala Lino Camilleri;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji *pro indiviso* ta' żewġ biċċiet art adjaċenti għal xulxin tal-kejl ta' ċirka siegħ sitt kejliet u nofs-il waħda pari għal tliet mija u disa' metri kwadri (309m.k.) il-waħda u konfinanti l-intier mill-lvant ma' proprjeta' tal-attriċi fuq deskritta, minn nofsinhar mat-triq, u mill-punent ma' beni tal-eredi ta' Salvu Camilleri;

Illi bejn il-kontendenti inqalgħu diverġenzi u nuqqas ta' qbil dwar il-linja diviżorja ta' bejn il-proprjeta' tagħha u tal-konvenuti;

Illi nonostante li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu u jiġu ffissati dawn il-qsami, huma baqgħu inadempjenti.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiffissa u tistabbilixxi l-linja diviżorja ta' bejn l-art proprjeta' tal-attriċi u l-art proprjeta' tal-konvenuti, u tordna s-segregazzjoni tagħhom permezz ta' ħitan jeqw marki permanenti skond il-Liġi u dan taħt id-direzzjoni ta' perit kif jiġi nnominat għal dan il-fini minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Gunju 1992 u tal-ittra uffiċjali tas-27 ta' April,1994.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu mħarrkin.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet tal-konvenuta Carmen Vella li eċċepiet illi:

1. Illi din it-talba hija intempestiva u saret inutilment mill-attriċi in kwantu ġia' jeżistu fuq il-post qsami permanenti li jiddefinixxu b'mod ċar u inekwivoku l-linja ta' bejn il-proprjeta' tal-attriċi minn dik li dwarha qegħda taġixxi l-attriċi.

2. illi l-attriċi trid tipprova t-titolu tagħha għall-art imsemmija minnha.

3. illi kemm-il darba l-attriċi qegħda tikkontesta l-korrettezza tal-qsami eżistenti allura din iċ-ċitazzjoni hija rrita u nulla billi ċ-ċitazzjoni !"de finium regundorum" ma tistax isservi sabiex jiġu mċaqilqa qsami eżistenti u inkontestati għal bosta snin.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta konfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Buttigieg bħala kuratur tal-imsiefra Kathleen Portelli li eċċepixxa illi:

1. Illi huqwa ma jafx xejn fuq din il-kwistjoni u għalhekk f'dan l-istadju jirrimetti ruħu għall-provi u l-ġudizzju ta' din il-Qorti filwaqt li jirriserva li jagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jikkonsulta ruħu mal-imsiefra Kathleen Portelli.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Joseph Portelli f'ismu proprju, kif ukoll bħala kuratur tal-assenti Bernarda Logan, li eċċepixxa illi:

1. Illi fl-ewwel lok l-attriċi trid tipprova li hija l-proprjetarja tal-art 'Tat-Tamburlin' li qed tallega li hija tagħha;

2. illi fil-mertu t-talba attriċi hija nfondata peress illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-kontendenti dwar il-linja diviżorja. Fil-fatt din il-linja ġiet stabbilita snin ilu meta missier il-konvenuti xtara l-art u saru il-marki mill-perit Joseph Dimech li kien il-perit tal-vendituri;

3. illi fil-fatt l-attriċi wara ċertu żmien qalet li xtrat l-art adjaċenti ma' dik tal-konvenuti u sabet li għandha kejl anqas minn dak imsemmi fil-kuntratt.

4. illi għalhekk l-attriċi ma kellhiex tagħmel din l-azzjoni billi mhux veru li l-konfini mhumiex stabbiliti bejn l-art li tgħid li hija tagħha u dik tal-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut proprio et nomine minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-mibki avukat Dottor Michael Grech, nominat kuratur sabiex jirrappreżenta lill-imsiefer William Portelli, li biha eċċepixxa illi:

1. illi huqwa mhux edott mill-fatti li waslu għal din il-kawża u għalhekk f'dan l-istadju u b'riserva li jqanqal eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jkun ikkomunika ma' William Portelli qiegħed jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut nomine minnu maħlufa.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Peter Paul Portelli, Rita mart Carmelo Portelli u Paul Portelli li eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament l-attriċi trid tipprova t-titolu illi hija tallega illi għandha fuq l-art 'Tat-Tamborlin' fi Triq Piju Cellini, Nadur, kif ukoll it-titolu tal-awturi fit-titolu tagħha, u in mankanza ta' din il-prova l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-linja diviżorja bejn il-fondi indikati fiċ-ċitazzjoni ilha teżisti fuq il-fond sa minn żmien ilu;

3. illi għaldaqstant ukoll, u per konsegwenza, il-kawża odjerna hija nulla għaliex dan ma huwiex każ ta' kawża *finium regundorum* iżda każ ta' rivendikazzjoni ta' proprjeta' da parti tal-attriċi.

4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minnhom.

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Ottubru 1997 ta' l-avukat Dottor Albert Camileri għall-konvenut Joseph Portelli proprio et nomine, li permezz tiegħu ċeda l-ewwel eċċezzjoni dwar il-prova tat-titolu ta' l-attriċi.
Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 1998 fejn innominat lill-avukat Dottor Grezzju Mercieca bħala perit legali, bl-assistenza ta' l-A.I.C. Edward Scerri bħala perit tekniku.

Rat l-ewwel rapport ta' l-espert tekniku ppreżentat fil-21 ta' Jannar 2002.

Rat it-tieni rapport ta' l-istess perit tekniku ppreżentata fit-13 ta' Gunju 2002 u maħluf fit-23 ta' Novembru 2007.

Rat it-tieni rapport ta' l-istess perit tekniku debitament ikkoreġut, ppreżentat ukoll fit-13 ta' Gunju 2002 u maħluf fit-23 ta' Novembru 2007.

Rat in-nota addizzjonali tal-perit tekniku tad-19 ta' Mejju 2004, debitament maħlufa ukoll fit-23 ta' Novembru 2007, li permezz tagħha reġa' kkoreġa t-tieni rapport tiegħu.

Rat ir-rapport tal-perit legali l-avukat Dottor Grezzju Mercieca ppreżentat fl-1 ta' Awissu 2005 u debitament maħluf fl-20 ta' Setembru 2005.

Rat id-diversi noti ta' Sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tagħha tas-16 ta' Jannar 2008 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża hija l-hekk imsejjħa *actio finium regundorum*. Tirrrigwarda d-delimitazzjoni tal-konfini bejn l-art ta' l-attriċi u dik tal-konvenuti, t-tnejn provenjenti mill-istess vendituri, l-aħwa xebbiet Maria u Carmela Portelli. L-attriċi rċeviet l-art tagħha b'titolu ta' donazzjoni mingħand ħuha r-reverendu Dun Mario Cassar, permezz ta' kuntratt tat-28 ta' Settembru 1996,[1] li minn naħa tiegħu kien akkwistaha b'titolu ta' enfitewsi perpetwa in atti Nutar Dottor Giuseppi Cauchi ta' l-4 ta' Marzu 1982.[2] Il-konvenuti wirtu l-art tagħhom mingħand missierhom Salvu Portelli, li kien akkwista żewġ *plots,* li din l-art kienet tifforma parti minnhom, b'titolu ta' bejgħ permezz ta' kuntratt ta' l-istess nutar tat-18 ta' Diċembru 1966.[3]

In vista tal-prova tat-titolu tagħha li l-attriċi għamlet permezz tal-kopja tal-kuntratt ta' akkwist tagħha li

---

[1] A fol. 35 - 36 tal-proċess .
[2] Dok. JC 1 a fol. 252 - 255 tal-proċess .
[3] Dok. JC 2 a fol. 257 - 266 tal-proċess .

ppreżentat bin-nota' ta' l-24 ta' Ottubru 1997,[4] il-konvenut Joseph Portelli proprio et nomine rtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu dwar il-prova tat-titolu.[5] Imma l-konvenuti l-oħra li qajjmu wkoll l-istess eċċezzjoni, u ċioe' Carmen Vella, Peter Paul Portelli, Rita mart Carmelo Portelli u Paul Portelli baqgħu ma għamlux dan, u għalhekk din l-eċċezzjoni tagħhom qed tiġi minnufih respinta.

Permezz ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħhom, l-parti l-kbira tal-konvenuti pero' jikkontendu illi ma hemmx lok għal din l-azzjoni peress li l-konfini ta' bejn iz-zewg qatghat gia gew stabiliti permezz ta' marki homor skuri qishom kannella vizibbli fuq il-post meta Salvu Portelli kien ser jixtri l-qatgħat tiegħu, u fi kwalunkwe każ, la ġew stabiliti, m'għandhomx jiġu varjati. Jikkontendu wkoll illi jekk l-attriċi qed tikkontesta dawn il-konfini, messha ntavolat l-*actio rivendicatoria* u mhux dik preżenti.

Għalhekk l-ewwel kwistjoni li trid tiġi ventilata tirrigwarda s-sottomissjoni tal-konvenuti illi, ġialadarba l-konfini bejn iż-żewġ qatgħat ġia ġew stabiliti, mhux il-każ illi dawn jerġgħu jiġu disturbati minħabba xi pretensjoni ta' l-attriċi li ma ġewx stabiliti sew. Dwar id-delimitazzjoni tal-konfini, l-liġi tagħna titkellem biss f'artikolu wieħed li jistipula illi:

"**Kull sid jista' jġiegħel lill-ġar jagħmel, bi spejjeż komuni, sinjali li jidhru u li jibqgħu, biex juru l-limiti tal-fondi tagħhom li jmissu ma' xulxin**."[6]

Il-**Baudry-Lacantinerie** li jitkellem fuq artikolu kważi identiku tal-Code Napoleon[7] jispjega illi:

"*Il regolamento dei confini e' un'operazione che ha per iscopo di indicare con segni materiali la linea che separa due proprieta' contigue. Esso ha luogo in contradittorio col vicino e in questo differisce essenzialmente dalla chiusura…*[8]

---

[4] a fol. 34 tal-proċess .
[5] ara verbal tal-24 ta' Ottubru 1997 a fol. 37 tal-proċess .
[6] art. 325 tal-kap.16 .
[7] art. 646 .
[8] Trattato Teorico - Pratico di Diritto Civile; dei Beni #900 p. 647 .

Kif intqal, il-konvenuti jissottomettu sew fl-eċċezzjonijiet kif ukoll fin-noti ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom illi l-attriċi, ġialadarba l-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi kienu ġia ġew stabiliti, messha minflok il-kawża preżenti, intavolat kawża għar-rivendikazzjoni tal-proprjeta', jekk qed tippretendi illi l-konvenuti użurpaw xi parti mill-proprjeta' tagħha. Imma kif ikompli jispjega l-istess awtur:

"*Se l'azione di rivendicazione e l'azione di regolamento di confini hanno per carattere comune di essere azioni reali, esse differiscono nettamente sotto altri riguardi. Nella rivendicazione l'attore e il convenuto, rappresentano ciascuno una parte distinta; l'uno emette una pretesa deciza e determinata che l'altro combatte. Nell'azione di regolamento di confini vi ha ,se si vuole, un attore, colui che prende l'iniziattva, ma iniziato il processo, le due parti perseguono d'ordinario lo stesso scopo, la determinazione dei limiti esatti tra due fondi vicini e la fissazione legale di questi limiti per l'apposizione delle pietre limitari; le due parti, generalmente in dissenso sul tracciato della linea di separazione, si accordano su di un punto essenziale, oggetto stesso dell'azione, sulla necessita' di fissare questa linea e d'indicare con pietre limitari. Nell'istanza, ciascuno dei litiganti ha la stessa parte, attore e convenuto insieme, e si trova cosi' collocato in una situazione eguale a quella dell'avversario, pertanto il giudice deve invitare l'una e l'altra delle parti in causa a produrre le sue prove*."[9]

Fil-każ in eżami pero' l-attriċi mhux qed tippretendi illi taf b'eżattezza l-limiti tal-plot tagħha. Anzi ipproponiet din il-kawża appuntu għax jidħrilha li għadha teżisti inċertezza kbira dwar dawn il-konfini. Infatti għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li l-konfini kienu ġia ġew stabiliti, jirrispondi l-istess awtur fis-sens segwenti:

"***Per far ostacolo alla nostra azione non basta che le proprieta' siano limitate, che la loro linea di separazione sia segnata in un modo qualunque,***

[9] ibid. #903 p. 649 .

***occorre ch'esse abbiano avuto determinati i confini, cioe' che i limiti siano stati legalmente constatati, e che i segni materiali che li fissano, siano stati, conforme all'uso, collocati d'accordo tra i proprietari od in seguito ad un'istanza giudizziaria***."[10]

Dwar il-liġi taljana kontemporanea fir-rigward, insibu insenjament simili. Hekk it-**Trabucchi** jfisser kif:

"…*l'azione di regolamento di confini…. presuppone l'incertezza dei confini e si esercita in due casi diversi: ce' l'ipotesi in cui si chiama il giudice a decidere dove arrivi il limite reciproco tra due fondi mentre neppure le parti hanno una pretesa oggettivamente precisa (actio finium regundorum simplex); nell'altra ipotesi c'e' invece una zona di terreno ben delimitata che si discute se appartenga all'uno o all'altro confinante (actio finium regundorum qualificata). E' sempre un'azione reale, perche' sono in giuoco gli interessi dell'autore e del convenuto come proprietari e non per loro rapporti personali.* ***Si tratta di un'azione con carattere duplice, nella quale cioe' entrambe le parti hanno un'analoga reciproca posizione di pretesa e di difesa, e nella quale pertanto non si applica la regola 'actore non probante, reus absolvitur'***."[11]

Infatti l-ġurisprudenza taljana pjuttost reċenti hija konkordi fis-sens illi:

" … *a rendere proponibile l'azione per regolamento di confine non e' necessario uno stato di incertezza oggettivo costituito dalla promiscuita' di possesso di una zona intermedia tra i fondi, ma basta uno stato di incertezza soggettiva, costituito dalla contestazione del confine esistente*."[12]

Il-perit legali Dottor Mercieca dherlu li għandha tiġi aċċettata t-teżi tal-konvenuti li dawn il-konfini ġia ġew stabiliti, u għalhekk irrakkomanda illi t-talbiet attriċi

[10] ibid #910 p. 655 .
[11] Istituzzioni di Diritto Civile 38th. Ed. 1998 3183 p. 467 – 8 .
[12] Cassazzione 26.2.1970 n. 625; Giust. it. Mass. 1976, 165 .

għandhom jiġu miċħuda. Dan għamlu wara li kkunsidra illi:

"*Fil-fatt emerġa ċar mill-provi li l-art tal-kontendenti kienet tifforma parti minn territorju wisq ikbar li oriġinarjament (kien) ta' sid wieħed (jew aħjar sidien pro indiviso) li nkarigaw lill-Perit Joseph Dimech jaqsmu fi plots. Il-perit esegwixxa l-inkarigu lilu mogħti u mmarka l-linji diviżorji bejn dawn il-plots, li mbagħad inbiegħu lil diversi persuni differenti, fosthom l-awturi tal-partijiet kontendenti. Il-perit Dimech, li tista' tgħid kien l-istar witness tal-attriċi, tant li kien l-uniku xhud minnha prodott, u ddepona xejn inqas minn ħames darbiet, għal bidu ma kellu ebda dubbju li l-marki bl-aħmar kienu magħmulin minnu qabel seħħet il-partizzjoni oriġinali, għalkemm sussegwentement ipprova jixħet dubbju dwar kemm il-marki kienu dawk li għamel hu. Tnejn mill-konvenuti kkonfermaw li tabilħaqq, dawk kienu l-qsami. Billi jirriżulta wkoll li dawn il-qsami saru mill-perit Dimech fuq inkarigu tal-bejjiegħa, u fil-preżenza tax-xerrej Portelli, ma hemmx dubbju li dawn il-qsami saru bil-kunsens taż-żewġ partijiet li kellhom x'jaqsmu mal-qasma dak iż-żmien, (il-plot illum tal-attriċi dakinhar kienet għadha proprjeta' tas-sidien oriġinali). Il-konvenuti kellhom il-piż probatorju li jressqu l-provi in sostenn tal-eċċezzjoni tagħhom, u ċioe' li kien hemm qsami eżistenti. Kien suffiċjenti għalihom li juri fejn kienu l-marki, u jindikaw dawn kif, meta, u minn min saru, kif fil-fatt għamlu: b'dan il-mod huma ssodisfaw lill-ġudikant li għandhom każ prima facie… F'dan l-istadju l-piż tal-prova għadda fuq spallejn l-attriċi… Fl-ispeċje, hija setgħet tipprova li l-marki murija mill-konvenuti ma kienux dwak oriġinali, jew li ma sarux bil-kunsens tas-sidien limitrofi kollha, jew li l-ftehim kien annullabbli għal xi raġuni li trid il-liġi. L-attriċi pero' għalkemm ippruvat tixħet id-dubbju, ma ressqet xejn għajr konġetturi. Anzi, hija kontradixxiet lix-xhud tagħha stess, il-perit imsemmi, meta qalet li inizjalment ma kienx hemm (proprjament qalet li hi ma ratx) qsami. Kontradizzjoni bħal din tassumi mportanza kbira fl-evalwazzjoni tal-kredibilita' tax-xhieda li sservi biex jinbena fil-ġudikant il-konvinċiment morali ta' liema verzjoni mressqa mill-partijiet kontendenti għandha titwemmen jew le. Di piu' ma ressqet l-ebda prova illi l-*

*qsami ma kinux dawk oriġinali. Id-dubbju, jekk hemm, f'dan il-każ imur favur il-konvenuti*." [13]

Madankollu il-Qorti, bir-rispett kollu, ma taqbilx ma' dawn il-konklużjonijiet peritali. Kif jgħid l-istess Dr. Mercieca, li *star witness* ta' l-attriċi kien il-perit Dimech. Imma l-perit Dimech għalkemm qal li jiftakar li huwa kien ġie nkarigat mill-vendituri sabiex jagħmel il-qsami li kienu ser jiddefinixxu l-qatgħat li kien ser jixtri Salvu Vella fis-sittinijiet, ma setgħax ikun daqstant ċert illi l-marki ħomor jew kannella eżistenti kienu dawk attwalment magħmula minnu f'dik l-okkażżjoni. Fi kliemu stess: "*Meta sar il-kuntratt għamilt il-marki bl-aħmar. Mistoqsi jekk il-marki ħomor kienux identifikabbli, ngħid li ma nistax ngħid jekk dawn il-marki kienux l-istess marki li għadhom jinstabu fuq il-post. Faċli li jsiru marki bħal ma nkunu għamilna aħna, daqqa ta' pinzell dritta*." [14] Terġa' kif tajjeb tirrileva l-attriċi fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-fatt illi dawn il-marki ħomor mhumiex f'linja dritta minn tarf għall-ieħor tal-plots,[15] jitfgħu dubbju serju kemm tassew jistgħu jkunu l-marki oriġinali, u jinħoloq suspett li setgħu ġew imċaqilqa matul iż-żmien, tenut kont ukoll illi dawn l-artijiet baqgħu mitluqin għal diversi snin. Infatti ma teżisti ebda raġuni għaliex kellhom isiru hekk, meta l-perit Dimech suppost kien qed jistabilixxi l-konfini bejn żewġ *plots* mhux żviluppati kontigwi għal xulxin. Żgur għalhekk illi fil-fatt l-affarijiet mhumiex daqstant ċerti daqskemm emmen il-perit legali.

Fid-dawl ta’ dan kollu, hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi, minkejja illi jeżistu xi marki fuq il-post sabiex jindikaw fejn suppost kienu l-konfini ta’ l-artijiet rispettivi tal-kontendenti, minħabba d-dubbji kollha li nħolqu meta ġew biex jitkejjlu l-*plots* rispettivi tal-kontendenti b'referenza għhal dawn il-marki, m’għandu jkun hemm ebda ostakolu sabiex dawn il-konfini jerġgħu jiġu definiti sew, tenut kont ta’ dak li kienu ikkuntrattaw l-akkwirenti fil-kuntratti relattivi.

---

[13] ara rapport peritali a fol. 196 verso - 197 verso
[14] ara depożizzjoni tal-A.I.C. Joseph Dimech a fol. 221 tal-process
[15] ara dawn il-marki ndikati fuq il-pjanta tal-perit tekniku a fol. 143 tal-process

Il-perit tekniku l-A.I.C. Edward Scerri, wara li kkonsulta l-kuntratti li bihom saru l-akkwisti rispettivi ta' l-artijiet illum tal-kontendenti u l-miżurazzjonijiet hemmhekk indikati, seta' jasal biex jirrediġi l-pjanta dettaljata minnu ppreżentata mar-rapport tiegħu tad-19 ta' Mejju 2004.[16] F'din il-pjanta,[17] apparti li ġew indikati l-marki ħomor skuri jew kannella li għadhom jidhru fuq il-post, il-perit tekniku ndika b'linja ħamra maqtugħa l-konfini tan-naħa tal-punent ta' l-art ta' l-attriċi skond il-kejl mogħti fil-kuntratt ta' l-4 ta' Marzu 1982, li bih kien akkwista l-istess art ħuha Dun Mario Cassar. Bil-kejl mogħti ta' 285 metri kwadri, jiġi li skond l-istess kuntratt l-art illum ta' l-attriċi għandha tkun dik indikata fl-area YY' AA' fuq l-istess pjanta. Minn naħa l-oħra b'linja ħadra miksura ndika l-konfini tan-naħa ta' lvant tal-*plots* li kienu ġew akkwistati minn Salvu Portelli skond il-kejl indikat fil-kuntratt tat-18 ta' Diċembru 1966. Bil-kejl komplessiv ta' 617 metri kwadri mogħti f'dak il-kuntratt, l-area ta' Portelli għandha tkun dik indikata bl-ittri XX' B'B fuq l-istess pjanta. Irriżulta għalhekk illi kemm-il darba l-kontendenti jżommu ma' dawn il-konfini, ilkoll kemm huma għandhom il-kejl kollu stabilit fil-kuntratti rispettivi, b'tali mod li jifdal strixxa art dejqa bejniethom matul iż-żewg *plots* u tal-wisa' ta' 0.47m minn naħa tat-triq u 1.19m minn naħa ta' wara. Dan ġara wisq probabbli għax ma kienx sar kejl preċiż meta ġew biex isiru dawn il-kuntratti. Hu x'inhu l-każ il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din l-istrixxa art għandha tiġi diviża ugwalment bejn il-kontendenti, biex kulħadd ikun ibbenefika miż-żejjed li hemm.

Għaldaqstant il-linja tal-konfini bejn l-art ta' l-attriċi u dik tal-konvenuti għandha tkun il-linja medjana li tirriżulta wara li din l-istrixxa art indikata bl-ittri AA' BB' fuq din il-pjanta tkun ġiet diviża ugwalment bejn il-kontendenti.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attriċi u:

---

[16] a fol. 139 - 140 tal-process

[17] a fol. 143 tal-process

*1.* tiddikjara illi l-linja diviżorja ta' bejn l-art proprjeta' ta' l-attriċi u l-art proprjeta' tal-konvenuti, hija l-linja medjana li tirriżulta wara li l-istrixxa art dejqa ndikata bl-ittri AA' BB' fuq il-pjanta redatta mill-perit tekniku u esebita a fol. 143 tal-proċess, tiġi diviża ugwalment bejn l-attriċi minn naħa u l-konvenuti minn naħa l-oħra, u dana a karigu ta' l-istess perit tekniku li qed jerġa' jiġi nominat għal dan il-fini; konsegwentement tordna s-segregazzjoni permanenti skond il-liġi ta' dawn iż-żewġ qatgħat billi jittella' ħajt diviżorju fuq din il-linja medjana, taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit tekniku.

L-ispejjeż tal-kawża, minħabba n-natura tagħha, għandhom jiġu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti, ħlief għal dawk ta' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Carmen Vella, Peter Paul Portelli, Rita mart Carmelo Portelli u Paul Portelli, li għandhom ikunu a karigu ta' l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------